MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 543/2005

**Master Distributors Limited (C-2837)**

**vs**

**Jesmond u Rita konjugi Sant**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u erbgha u tletin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1134.21) ammont dovut fuq merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenuti fil-hanut Save & Smile Discount Store.**
**Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Frar, 2005 u tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mill-20 t'Awissu, 2004, data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta Rita Sant prezentata fit-30 ta' Marzu, 2005 fejn intqal :**
**i. Illi l-eccipjenti qatt ma trattat mas-socjeta` attrici u dan peress illi l-hanut Save 'n' Smile Discount Store kien gestit esklussivament mill-konvenut Jesmond Sant ;**
**ii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Jesmond Sant prezentata fis-7 t'April, 2005 fejn intqal :**
**i. Illi l-konvenuti odjerni ghaddejjin prezentement proceduri ta' separazzjoni personali liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk jigi ppruvat li l-ammont mitlub fl-avviz huwa dovut, dan hu dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk jinqasam nofs b'nofs ;**
**iii. Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub fl-avviz ghandu jigi ridott biex jirrifletti parti mill-merkanzija li giet jew ghandha trid tigi rritornata lis-socjeta` attrici.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fis-26 ta' April, 2005 (fol.12) li biha s-sorte gie ridott bi tlett mija u hamsa u tletin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm335.18) stante ritorn da parti tal-konvenut lis-socjeta` attrici ta' merkanzija fil-valur indikat.**

**Semgha x-xhieda ta' Rachel Scerri, Jesmond Sant u Rita Sant. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi t-talba hija ghall-hlas ta' bilanc dovut fuq merci.**
**2. Illi saret nota ta' riduzzjoni kif diga inghad peress illi fil-mori tal-kawza s-socjeta attrici kienet maret gabret lura xi merkanzija.**
**3. Mix-xhieda ta' Rachel Scerri li kienet tbiegh merkanzija lin-negozzju Save 'n Smile fil-Mosta. Fil-hanut kien ikun hemm f'perjodu minnhom iz-zewg**

**konvenuti, pero' kien hemm zmien meta lill-konvenuta ma ratix aktar. Din ix-xhud tghid « l-ordnijiet kont nohodhom minghand il-konvenut ». Tikkonferma terga dak li qalet meta din xhedet « l-ordni kienet issir mill-konvenut ».**

**4. L-istess Scerri ghamlet referenza ghal lis-statment Dor RS4 u ghal fatturi Dok RS1, RS2 u RS3. Kienu dawn il-fatturi illi ma sarx il-hlas fuqhom, salv dak li ntqal dwar xoghol li ngabar lura.**

**5. Dwar hlas li kien isir bic-cekkijiet ma kienetx certa jekk kienux jiffirmaw iz-zewg konvenuti, ghalkemm sa fejn tiftakar hi hekk kienu jkunu. Pero' jirrizulta wkoll illi meta beda jinholoq l-inkwiet l-istess socjeta attrici bdiet tesigi cash on delivery.**

**6. Jesmond Sant xhedt li hu personalment kien imexxi n-negozzju u qal ukoll illi c-cekkijiet seghtu jiffirmawhom sija hu, kif ukoll martu. Il-konvenut jghid illi martu rciviet il-paga sa l-ahhar.**

**7. Dwar dan il-punt il-konvenuta tghid illi dak li kien jghatijha kien manteniment u ma kienetx paga. In sostenn ta' dan jidher illi huwa aktar vero simili dak li qed tghid il-konvenuta in kwantu l-istess konvenut espressament jghid li fil-perjodu li ghalihom jirrefferu l-fatturi, il-konvenuta ma kientx tersaq lejn il-hanut. Kien ikun stramb illi l-konvenut jghaddi paga lill-konvenuta meta din lanqas ma kienet tersaq lejn il-post. Il-konvenut jaqbel ukoll li ghal perjodu in kwistjoni l-ordnijiet kien ghamilhom hu.**

**8. Saret referenza ghal kawza deciza fil-15 ta' Lulju, 2005, fl-ismijiet International Merchants Limited vs Sant Jesmond et Talba numru 978/05 PBC u ghal kawza deciza fl-10 ta' Novembru, 2005, Talba Numru 522/05 PBC fl-ismijiet Sun Chemicals Limited vs Gesmond sive Jesmond Sant.**

**9. Kif sewwa qal it-Tribunal diversament presedut ga la darba l-komunjoni tal-akkwisiti ma kienetx xolta, il-konvenuti ghandhom jirrispondu in solidu ghad-dejn naxxenti min-negozzju.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' seba' mija disgha u sebghin lira maltija u tlett centezmi (Lm779.03c), u**

**jikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta attrici s-somma imsemmija ta' seba' mija disgha u sebghin lira maltija u tlett centezmi (Lm779.03c), bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Awissu, 2004 sal-effettiv pagament. Lis-spejjez ta' din lis-stanza inkluzi dawk tal-Ittra Inpterperlatorja tas-16 ta' Frar, 2005, u tal-Mandat ta' Qbid pprezentat kontestwalment ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------